TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 470/10

**Emanuel Aquilina**
**vs**
**Visual Electronics**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' *Portable Playstation* li wara xahar ġralha l-ħsara.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *portable playstation* mingħand id-ditta intimata u wara xahar kien ġralha l-ħsara. Illi minkejja li ħadha kemm-il darba għand id-ditta intimata sabiex tissewwa, il-ħames darba ġie nfurmat illi l-*playstation* kienet ġiet imxarrba u li kellu jħallas ħamsa u tletin ewro (€35) ta' l-ispejjeż.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, stante li qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u b'hekk jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888